# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 147/21 MH**

**Illum, 14 ta' April, 2023**

**Bank of Valletta p.l.c (C-2833)**

**Vs**

**Avukat Raisa Colombo li b'diġriet tal-5 Ta' Lulju, 2022 ġiet sostitwita b'Dr. Mario Caruana u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina nominati b'diġriet tad-9 ta' Settembru 2019bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lis-soċjeta' CakeMasters Limited (C-23518) u Avukat Dottor Martha Mifsud u l-Prokuratur Legali Katerina Zammit Cuomo nominati B'diġriet tad-9 ta' Settembru, 2019 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lill-Assenti Emmanuel Darmanin (K.I.197151M)**
**U Carmen Darmanin nee' Portelli (Passaport Numru 778757).**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. tat-8 ta' Frar, 2021**

Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament;

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza datati 22 ta' Awwissu 2007 (Dok. "A" u Dok. "B" ) u f'skrittura privata datata 27 ta' Awwissu 2007 (Dok. "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta Cake Masters Limited.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta Cake Masters Limited fis-somma ta' seba' mija u erbgha u sittin elf, mitejn u tletin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€764,230.48) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Cake Masters Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E9" u Dok. "F1 sa F2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Jannar 2021 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza datati 22 ta' Awwissu 2007 (Dok. "A" u Dok. "B" ) u f'skrittura privata datata 27 ta' Awwissu 2007 (Dok. "C"), il-konvenuti Emmanuel Darmanin u Carmen Darmanin nee' Portelli ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Cake Masters Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Cake Masters Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

4. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B", u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:*

   *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

5. *Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

6. *Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 21 ta' Mejju 2019 li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "G" u Dok. "H", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B", u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u erbgha u sittin elf, mitejn u tletin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€764,230.48) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Cake Masters Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E9" u Dok. "F1 sa F2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Jannar 2021 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 21 ta' Mejju 2019 kontra l-konvenuti.*

Rat ir-risposti ġuramentati tal-kuraturi deputati nominati[1] biex jirrapresentaw l-assenti Cake Masters Ltd ukoll lil Emmanuel u Carmen Darmanin. Sintetikament t-tnejn jeċċepixxu illi ma kienux edotti mill-fatti u li l-atturi kellhom jippruvaw l-allegazzjonijiet tagħhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Bank attur presenta diversi dokumenti, kuntratti u skrittura privata li juru minn fejn origina d-debitu lejh allegat. Ressaq ukoll lix-xhud Anthony Xuereb, li jokkupa il-posizzjoni ta' senior manager mall-bank attur. Dana xehed illi hu kien jieħu ħsieb il-kontijiet li kien hemm pendenti mall-bank u dan in partikolari ta' Cake Master Ltd. Xehed ukoll li ntilef kull kuntatt mal klijenti li kienu stabbillew lilhom infushom ġewwa New York. Qal ukoll li pruva kemm il-darba jistabillixxi kuntatt mal klijenti pero bla suċċess. Senjatament għal fini ta' dawn it-talbiet xehed ukoll illi dak li kien jidher fir-rikors ġuramentat, *qua loans u overdrafts* kien għadu kollu dovut, bl-imgħaxijiet li baqgħu jiddekorru.

Xehed ukoll li mid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat sa dak in-nhar tax-xhieda lil-pendenzi dovuti kienu baqgħu kollha l-istess.

[1] Folio 101 u folio 100.

**Ikkunsidrat:**

Illi eżaminati d-dokumenti esebiti mill-bank attur, ukoll is-sensiela ta' statements bankjari ma tarax għala m'għandhiex tilqa' t-talbiet kif dedotti. Tqies li fil-fatt il-bank attur leħaq dak il-grad tal-prova li trid il-liġi biex it-talba tiegħu ssib suċċesss. Illi da parti tagħhom il-konvenuti ma ressqu ebda provi biex jirribattu d-dovut.

Konsegwentement il-Qorti qegħda taqta u tiddeċiedi billi tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija u esebiti bhala Dokumenti A u B u C partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettaw ħażin il-possibilta' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi, u tikkundanna b'hekk lil konvenuti jħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' seba' mija u erbgħa u sittin elf, mittejn u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€764,230,48) bilanċ ta'

debitu fil-loan u over drafts accounts ta' Cake Master Limited mal Bank of Valletta plc (Dok D1 sa D3, Dok. E1 sa E9 u Dok F1 sa F2) flimkien ma l-imgħax ulterjuri mill- 21 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datati 21 ta' Mejju, 2019, kontra l-konvenuti.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**